2025/1718

6.8.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1718

tal-5 ta' Awwissu 2025

li jagħmel l-importazzjonijiet tal-1,4-Butanidjol li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, mill-Arabja Sawdija u mill-Istati Uniti tal-Amerka soġġetti għar-reġistrazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(5) tiegħu,

Wara li infurmat lill-Istati Membri,

Billi:

(1) Fis-6 ta' Ġunju 2025, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") ħabbret, permezz ta' notifika ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]), il-bidu ta' proċediment anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-1,4-Butanidjol li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, mill-Arabja Sawdija u mill-Istati Uniti tal-Amerka.

(2) Dan il-bidu segwa lment imressaq fl-24 ta' April 2025 minn INEOS Solvents SA f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw aktar minn 25 % tal- produzzjoni totali tal-Unjoni tal-1,4-Butanidjol.

1. PRODOTT SOĠĠETT GĦAR-REĠISTRAZZJONI

(3) Il-prodott soġġett għar-reġistrazzjoni ("il-prodott ikkonċernat" jew "BDO") huwa l-1,4-Butanidjol li normalment jaqa' taħt in-numru ta' reġistrazzjoni tas-Servizz tat-Taqsiriet tas-Sustanzi Kimiċi (CAS, Chemical Abstracts Service) 110-63-4 u normalment jiġi kklassifikat fl-Inventarju Ewropew tas-Sustanzi Kimiċi Kummerċjali Eżistenti (EINECS) taħt in-numru KE 203-786-5, u attwalment kklassifikat taħt il-kodiċijiet NM 2905 39 26 u 2905 39 28. Il-kodiċijiet NM huma pprovduti għall-informazzjoni biss u mingħajr preġudizzju għal bidla sussegwenti fil-klassifikazzjoni tariffarja.

2. REĠISTRAZZJONI

(4) Skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat jistgħu jsiru soġġetti għal reġistrazzjoni bl-għan li jiġi żgurat li, jekk l-investigazzjoni tirriżulta f'sejbiet li jwasslu għall-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping, dawk id-dazji jistgħu, dment li l-kundizzjonijiet meħtieġa jiġu ssodisfati, jiġu imposti retroattivament fuq l-importazzjonijiet irreġistrati f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali applikabbli.

(5) Il-Kummissjoni ddeċidiet li, fuq inizjattiva tagħha stess, tagħmel l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat soġġetti għal reġistrazzjoni skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku. Il-kundizzjonijiet għall-ġbir retroattiv tad-dazji se jiġu vvalutati fir-regolament li jimponi dazji definittivi, jekk ikun hemm.

(6) Kwalunkwe obbligazzjoni futura tiġi mis-sejbiet tal-investigazzjoni anti-dumping.

(7) Il-kalkoli forniti fl-ilment li jitlob il-bidu ta' investigazzjoni anti-dumping jistmaw marġnijiet tad-dumping ta' bejn 27 % u 87 % u livell ta' eliminazzjoni ta' dannu ta' bejn [70 % and 115 %] ([3]) għall-prodott ikkonċernat għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2023 sat-30 ta' Settembru 2024. L-ammont ta' obbligazzjoni futura possibbli normalment jiġi stabbilit fl-aktar livell baxx ta' dawk iż-żewġ livelli f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1036/oj.
([2]) ĠU C, C/2025/3135, 6.6.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/3135/oj.
([3]) Id-data hija pprovduta f'firxiet minħabba raġunijiet ta' kunfidenzjalità.

(8) Madankollu, f'dan l-istadju, il-Kummissjoni mhijiex f'pożizzjoni li tagħti stima tal-ammont ta' obbligazzjoni futura possibbli. Għalhekk, l-ammonti msemmija fl-ilment huma biss għal skopijiet ta' informazzjoni u ma jistgħux joħolqu aspettattivi dwar il-livell attwali ta' obbligazzjoni li se jiġi stabbilit bħala riżultat tal-investigazzjoni.

3. **IPPROĊESSAR TA' DATA PERSONALI**

(9) Kwalunkwe data personali miġbura fil-kuntest ta' din ir-reġistrazzjoni se tiġi ttrattata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-awtoritajiet doganali huma b'dan ordnati, skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament (UE) 2016/1036, jieħdu l-passi adegwati biex jirreġistraw l-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-1,4-Butanidjol, li normalment jaqa' taħt in-numru ta' reġistrazzjoni tas-Servizz tat-Taqsiriet tas-Sustanzi Kimiċi (CAS) 110-63-4 u normalment jiġi kklassifikat fl-Inventarju Ewropew tas-Sustanzi Kimiċi Kummerċjali Eżistenti (EINECS) taħt in-numru KE 203-786-5, u attwalment ikklassifikat taħt il-kodiċijiet NM 2905 39 26 u 2905 39 28, u li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, mill-Arabja Sawdija u mill-Istati Uniti tal-Amerka.

2. Ir-reġistrazzjoni għandha tiskadi disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-5 ta' Awwissu 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([4]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).